# Ftit Storja Dwar il-Knisja

Miġbura minn John Bisazza

## L-Ewwel Ħbit mill-Ajru fuq tas-Sliema

Nhar il-11 ta' Ġunju 1940, l-għada li Mussolini iddikjara gwerra kontra l-Ingilterra, ftit qabel is-sebgħa ta' filgħodu, sar l-ewwel ħbit mill-ajru; waqt it-tieni air-raid ta' filgħaxija intlaqtu xi djar fi Triq Parallel (illum Triq Sir Luigi Camilleri), u l-Modern Imperial Hotel. Qam paniku kbir u ħafna residenti Slimiżi fittxew il-kenn f'inħawi oħra ta' Malta, peress li ma kienx għad hemm biżżejjed xelters, u l- Port ta' Marsamxett kien 'target area'.

Tas-Sliema kienet tbattlet kważi għal kollox; iżda bejn li maż-żmien żdiedu x-xelters u bejn li l-attakki tat-Taljani battew xi ftit, in-nies sa l-aħħar tas-sena bdew ġejjin lura f'tas-Sliema.

## San Girgor – Parroċċa Ġdida

Nhar it-23 ta' Novembru 1940 l-Arċisqof Mauro Caruana waqqaf it-tielet Parroċċa ta' tas-Sliema iddedikata lil San Girgor il-Kbir u ħatar lill-istess segretarju privat tiegħu Dun Karm Farrugia, bħala l-ewwel kappillan.

Nhar it-30 ta' Novembru Mons. Paolo Galea, Vigarju Ġenerali bierek il-Knisja filwaqt li l-Arċisqof Mauro Caruana li tant ħabrek għall-bini tagħha ikkonsagra l-altar maġġur. L-għada, il-Kappillani tas-Sacro Cuor, tal-Gżira u ta' Stella Maris qaddsu fil-Knisja. X'aktarx li dik kienet l-aħħar ċerimonja li ħa sehem fiha Dun Rafel Capurro bħala Kappillan ta' Stella Maris, peress li ftit xhur wara kien ġie maħtur Monsinjur tal-Katidral wara 22 sena jmexxi l-parroċċa.

## Traġedja Kbira fi Triq Santa Rita

F'Jannar 1941 il-qerda tal-Gwerra żdiedet sewwa, peress li bdew l-attakki mill-ajruplani Ġermaniżi. Fil-11 ta' Marzu, ftit qabel l-għaxra ta' bil-lejl 'tanker' antika li kienet ankrata quddiem il-Knisja tan-Nazzarenu, ġiet attakkata mill-ajru; waqt l-attakk, bomba kbira waqgħet fi Triq Santa Rita, fejn tilfu ħajjithom mhux inqas minn 23 persuna



*Triq Santa Rita l-għada tat-traġedja tal-11 ta' Marzu, 1941.*

u ġew feruti 'l fuq minn 30 ruħ oħra. Fuq il-post waslu malajr in-nies tas-salvataġġ, filwaqt li Dun Amadeo Bonello (li kien qed jaġixxi bħala viċi-kurat sakemm jinħatar kappillan ġdid) u xi saċerdoti oħra tal-parroċċa flimkien ma' xi patrijiet Dumnikani ġrew lejn il-post tat-traġedja biex ifarrġu lill-imsejkna vittmi. Kienet l-ikbar traġedja fil-konfini parrokkjali ta' Stella Maris, u waħda mill-ikbar f'tas-Sliema.

## Dun Ġużepp Inguanez jinħatar Kappillan tal-Parroċċa



It-tielet Kappillan
Dun Ġużepp Inguanez

Nhar l-1 ta' Frar 1942, saret iċ-ċerimonja tal-pussess ta' Dun Ġużepp Inguanez; minħabba l-gwerra, iċ-ċerimonja saret f'forma ridotta. Dun Ġużepp twieled tas-Sliema fit-28 ta' Novembru 1907. Wara l-ordinazzjoni, ħadem għal ftit snin fil-parroċċa, fejn flimkien ma' Dun Ġużepp Lupi poġġa fuq sisien sodi ċ-Ċirkolu ta' l-Azzjoni Kattolika. Ħadem ukoll fid-Direzzjoni tal-Leħen is-Sewwa. Fl-1937 inħatar kappillan ta' Ħal Kirkop. Il-wasla tiegħu f'belt twelidu bħala kappillan tal-parroċċa fejn twieled u trabba imliet bil-ferħ lis-Slimiżi, li dik il-ħabta minħabba ċ-ċirkustanzi tal-gwerra kienu jinsabu demoralizzati.

Eżatt tlettax- il ġurnata wara, fis-sagristija tal-Knisja kienet saret taħt forma strettament privata ċ-ċerimonja tal-pussess tal-Kanonku Dun Pawl Galea bħala Arċipriet tal-Birgu; peress li l-Birgu kien jinsab taħt assedju kontinwu, l-Arċisqof kien ħareġ digriet biex iċ-ċerimonja tinżamm ' il bogħod mill-periklu.

## 1 ta' Marzu 1942 – Il-Knisja ssofri Ħsara Kbira waqt Attakk mill-Ajru

Ftit qabel it-tlieta ta' wara nofsinhar tal-Ħadd, 1 ta' Marzu waqt air-raid qawwi, il-Knisja intlaqtet b'direct hit. Il-Kappellun tad-Duluri sofra ħsara kbira, filwaqt li l-koppla, l-altar maġġur, u xi altari oħra u l-bqija tal-Knisja saritilhom ħafna ħsara bil-blast. Il-pittura tal-Kruċifissjoni, xogħol sabiħ ta' Cali, u l-pitturi tal-kappelluni ta' Filippo Venuti inqerdu għal kollox. Inqerdu ukoll l-istatwi tal-Qalb ta' Ġesù, tad-Duluri, tal-Madonna tar-Rużarju u dik ta' San Ġużepp. B'xorti tajba, il-vara ta' Stella Maris ma ġralha ebda ħsara. It-twieqi kollha tal-Knisja tfarrku għal kollox.

Għalkemm il-Knisja kienet magħluqa, fis-sagristija kien hemm Dun Amadeo Bonello u xi abbatini li ħelsuha ħafif. Dun Amadeo b'kuraġġ liema bħalu mar



*I ta' Marzu 1942 – Il-Knisja milquta mill-bombi ta' l-għadu.*

fuq it-tifrik tal-altar maġġur biex joħroġ l-Ewkaristija mit-tabernaklu. Kien ġest ta' kuraġġ kbir meta wieħed iqis li minn mument għall-ieħor il-koppla setgħet tiġġarraf għal kollox.

L-unika persuna li tilfet ħajjitha kienet Dolor Borg li kienet qed tistenna l-Knisja tinfetaħ. Dakinhar stess filgħaxija, il-Gvernatur William Dobbie żar il-Knisja. Għall-ewwel darba f' 87 sena il-Knisja ingħalqet għal kollox. Il-Kappillan, li bi sfortuna kellu jara dik ix-xena tal-biki quddiemu, proprju f'għeluq ix-xahar mill-pussess ħa l-ewwel deċiżjonijiet importanti.

Ħa ħsieb li jibda juża l-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja għall-quddies, iżda minħabba diffikultajiet klimatiċi mit-12 ta' April bdiet tintuża l-intrata ta' Villa Betharram li tpoġġiet għad-dispożizzjoni tal-Kappillan mill- familja tas-Sur Alfonso Maria Galea.

Sadanittant l-imgħallem Slimiż Feliċ Mifsud 'Ta' Pisanu' ħa f'idejh l-ewwel tiswijiet tal-Knisja. L-ewwel ma għamel kien li bena ħajt li fired il-kappellun tad-Duluri mill- bqija tal-Knisja, u li fuqu setgħet tistrieħ il-koppla.

## Proċessjoni nhar il-Festa ta' Stella Maris

Fl-ewwel sentejn tal-gwerra, il-festa esterna ta' Stella Maris ma kinetx inżammet, iżda fis-sena 1942, il-kappillan u l-kleru iddeċidew li tinżamm proċessjoni qasira; din inżammet nhar it-23 ta' Awissu. Il-proċessjoni qasira mingħajr il-vara immexxija mill- Kappillan Inguanez ħarġet minn Villa Betharram u għaddiet minn qalb it-tifrik tal-bini imġarraf ta' Triq San Viċenz, u Pjazza Annunzjata fejn fl-14 ta' Mejju iġġarrfu ħafna djar u mietu sebgħa min-nies. Fil-proċessjoni kienu ħadu sehem il- patrijiet Franġiskani mill-Parroċċa tas-Sacro Cuor.

## Il-Knisja Terġa' Tinfetaħ mill-Ġdid

Ftit qabel il-Milied ta' l-1942, wara li saru xi tiswijiet proviżorji, il-Knisja ġiet miftuħa mill-ġdid. Minbarra xogħol ieħor, il-kappellun tad-Duluri kien għadu magħluq wara l-ħajt imsemmi iżjed 'il fuq. L-Arċisqof Mauro Caruana żar il-Knisja lejlet li nfetħet il-knisja, u ta somma ta' flus lill-Kappillan biex ikopri ftit mill-ispejjeż.



*Kappella proviżjorja ġewwa l-villa tas-Sur Alfonso Maria Galea – intużat sakemm saru l-ewwel tiswijiet wara t-tiġrif tal-gwerra. Il-Kappillan Dun Ġużepp Inguanez jidher fuq il-lemin tar-ritratt.*

## It-8 ta' Settembru 1943

Nhar it-8 ta' Settembru 1943, festa tat-Twelid tal-Madonna, l-Italja ċediet; dan kien ifisser li l-attakki mill-ajru kienu waslu biex jintemmu. Il-qniepen ta' Stella Maris li kienu ilhom weqfin għal tliet snin, daqqew mota ta' ferħ flimkien ma' dawk ta' Malta kollha.

Rajna fuq fuq minn xiex għaddiet tas-Sliema fis-snin tat-Tieni Gwerra Dinjija b'aċċenn speċjali fuq il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris – snin ta' ħerba, mwiet u niket li matulhom fil-parroċċa tagħna kienu tilfu ħajjithom 47 persuna. Kien bl-interċessjoni ta' Marija Stella Maris li ħafna iktar nies, minkejja l-periklu kontinwu, ħelsuha mill-mewt.



*Il-purċissjoni tal-Festa Titulari għaddejja minn qalb il-ħerba ta' Triq San Vinċenz, nhar it-23 ta' Awissu, 1942. Ir-ritratt li kien inġibed mis-Sur W. J. Jones kien ġie ppubblikat f'numru ta' gazzetti Ingliżi.*


**Riferenzi**

Times of Malta 13.03.41
Il-Berqa 09.03.42
War Records Malta War Museum
Tas-Sliema, il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris Maurice Busietta (San Ġwakkin Press)
San Girgor il-Kbir Peter Miceli (Media Centre Publications)
Umbrelel fuq tas-Sliema Charles B. Grech (Klabb Kotba Maltin)
Informazzjoni mogħtija lill-awtur lis-Sinjuri Joseph P.Vella u John Vassallo